MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-15 ta' Frar, 2006

Numru 890/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Walter Spiteri)**

**vs**

**Andrew Briffa ta' 26 sena, iben Andrew u Carmen nee Cachia, mwieled Pieta' fl-14 ta' Settembru, 1976,**
**u joqghod The Weeping Madonna, Triq il-Kuncizzjoni, Birzebbuga**
**detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 505376 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Andrew Briffa li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-4 ta' Mejju, 2002 u

matul ix-xhur ta’ qabel din id-data, bhala d-detentur tal-fond The Weeping Madonna, Triq il-Kuncizzjoni, Birzebbuga, wkoll wara nzul ix-xemx, b’diversi atti maghmula minnu wkoll jekk fi zminijiet differentili jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta’ l-elettriku li jeccedi l-mitt liri Maltin izda inqas minn elf liri Maltin mill-fond The Weeping Madonna, Triq il-Kuncizzjoni, Birzebbuga liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Ikkonsidrat

Illi ghalkemm mir-rapport peritali u l-konsegwenti konkluzjonijiet ta’ l-Inkjesta jidher li fil-meter in kwistjoni kien hemm xi element ta’ tbaghbis pero’ daqstant iehor minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi konsum illegittimu ta’ dawl, tant li gie anke mmarkat li ghalkemm xi sigilli kienu miksurin pero’ ma kienx hemm brix mad-diska.

L-istess Ian Vella, Officer in Charge, Revenue Protection tal-Enemalta, jghid fil-fatt li ghalkemm hawn si tratta ta’ konsum mhux registrat, u anke hawn jikkwalifika dan il-fatt bil-frazi, „jista’ jkun“ pero’ non si tratta ta’ serq.

Illi huwa car illi l-akkuza addebitata lil Andrew Briffa hija dik ta’ serq aggravat.  Dan huwa fatt li anke bl-oneru tal-prova kif inversa fl-artikolu 264 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta zgur li in kwantu dak premess ma jirrizultax u ghalhekk Andrew Briffa qed jigi liberat minn din l-akkuza.

Jigi sottolineat illi min-naha l-ohra ebda akkuza ta’ danni fuq il-meter ma giet imressqa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------